11 ta' Mejju, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Manwel Cassar

## "Third Party Risks" — Assikurazzjoni — Polza tas-Sigurtà — Liċenza tas-Sewqan

*Skond il-prattika uniformi u aċċettata mill-assikuraturi, ma ssirx distinzjoni bejn "private" u "special licence" għall-finijiet tal-"cover" dwar riskji tat-terzi persuni; għaliex, sakemm l-individwu hu kompetenti jsuq b'liċenza ordinarja, allura, għall-"estimation of the risk", hi ħaġa indifferenti jekk għandux liċenza "private" jew "special", billi fil-każ wieħed u l-ieħor hu kompetenti jsuq il-karrozza; u din il-kompetenza, u mhux il-kwalità tal-liċenza, hi waħda miċ-ċirkustanzi "affecting the risk".*

*Għaldaqstant, l-imputazzjoni li wieħed saq "taxi-car" mingħajr liċenza tas-sewqan "special", u b'hekk ma kienx kopert mill-polza tas-sigurtà jew garanzija għar-riskji ta' terzi persuni, hija eskluża, meta hu kellu liċenza ordinarja biex isuq dik il-karrozza.*

Il-Qorti; — Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat, talli l-Furjana, fil-21 ta' Frar 1957, għall xi s-7.45 a.m., saq taxi-car nru. 3624 mingħajr liċenza tas-sewqan "special" mill-Pulizija, u b'hekk ma kienx kopert mill-polza

tas-sigurtà jew il-garanzija dwar riskji ta' terzi persuni skond id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza Nru. 36 tal-1939;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni li jiġi skwalifikat li jkollu jew jieħu ebda liċenza tas-sewqan għal perijodu ta' tnax il-xahar jew aktar, skond l-art. 3(2) tal-istess Ordinanza;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-29 ta' Marzu 1957, li biha ġie misjub ħati u kundannat għal multa ta' £5, u skwalifikat milli jkollu liċenzi tas-sewqan għal sena;

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih appella mis-sentenza fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Jirriżulta li l-imputat kien qiegħed isuq taxi-cab bil-pjanċa ħamra bla ma kellu "special licence". L-ewwel imputazzjoni, għalhekk, hi pruvata;

Il-Pulizija żiedet anki t-tieni imputazzjoni, fis-sens li, ġa ladarba kien qiegħed isuq b'liċenza ordinarja, u mhux bi "special licence", għalhekk għandu jitqies daqs kieku kien qiegħed isuq bla licence, u li per konsegwenza hu tilef il-"cover" tal-polza, u ġie daqs kieku kien qiegħed isuq bla sigurtà;

Hu fatt, pero, li għall-finijiet tal-"cover" tal-polza ma ssirx distinzjoni bejn "private" u "special" licence, skond il-prattika uniformi u aċċettata tal-assikuraturi; u hu loġiku li jkun hekk, għaliex, sakemm l-individwu hu kompetenti jsuq dik ix-xorta ta' karrozza, allura, għall-"estimation of the risk" hi ħaġa indifferenti jekk id-driver għandux "private" jew "special" licence, għaliex, fil-każ wieħed u l-ieħor, hu kompetenti jsuq dik ix-xorta ta' karrozza, u din il-kom-

petenza, u mhux il-kwalità tal-liċenza, hi waħda mis-"circumstances affecting the risk";

Għalhekk it-tieni imputazzjoni hi eskluża;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, fis-sens li tirriforma s-sentenza appellata billi teskludi l-kundanna fuq it-tieni imputazzjoni, tiddikjara l-imputat mhux ħati ta' dik it-tieni imputazzjoni, u tilliberaħ minnha, u għalhekk tneħħi l-piena tal-iskwalifika tal-liċenza; u tikkonfermaha biss għar-rigward tal-kundanna dwar l-ewwel imputazzjoni, li għaliha tibqa' l-multa, iżda biss ta' £2, titħallas żmien xahar mil-lum.